**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 43 – IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU 2012 FIS-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Violet Bajada (7.40pm) | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | David Dalli | Viċi Sindku |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 42**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jigu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 69**

2.1 Il-pagament numru 19 għandu jiġi mwaqqaf temporanjament sakemm isir ix-xogħol tal-bankina fi Triq iċ-Ċiklamini. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet ippreżentata l-istima għas-*survey* ta' Triq l-Ispika ta' 1600 Ewro. Kien hemm qbil li dan isir.

3.2 Ġiet diskussa t-talba ta' Zekka Ltd biex isir *un/loading bay* fi Triq San Mikiel. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tiġix aċċettata.

3.3 Ġiet diskussa t-talba biex titneħħa l-*platform* li tinsab fi Triq il-Freżja minħabba li qed iżżomm l-ilma. Ġie deċiż li din terġa' ssir bil-katusi taħtha biex ikun jista' jgħaddi l-ilma.

3.4 Ġew diskussi l-kwotazzjonijiet tal-*gazebo* għas-*softarea* fi Triq R Caruana Dingli u l-*boarder fence* ta' Misraħ Lewża. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa pubblika.

3.5 Ġie deċiż li jinxtara *airconditioner* ġdid għall-kamra tal-amministrazzjoni.

3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li kellu laqgħa mal-*GreenPak* u Sammy Borg rigward l-iskart li jinsab ħdejn l-iskips tar-reċiklaġġ, saru arranġamenti biex dawn jitnaddfu fuq bażi regolari.

**4 Affarijiet Oħra**

4.1 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex isiru l-arranġamenti biex isir servizz temporanju tal-elettriku f'Misraħ Lourdes u t-tiżjin tal-Milied fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil ukoll li tinxtara magna ġdida tal-pressjoni u taz-zokkor. Għandhom isiru wkoll arranġamenti biex titbajjad Misraħ Awrekarja kif ukoll tiġi rranġata l-bankina fi Vjal in-Naspli kantuniera ma' Triq Bellavista.

4.2 Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li jsir it-tibjid f'Misraħ Lewża. Kien hemm qbil unanimu.

4.3 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex tintbagħat imejl lil *GreenPak* biex ninfurmawhom li kien hemm xi residenti li lmentaw li ma rċevewx il-karta biex jiġbru l-boroż tar-reċiklaġ. Talbet ukoll biex tintbagħat ittra lil WSC li l-*patching* li sar minnhom fi Triq is-Santwarju ma sarx sew. Is-Sinjura Violet Bajada ipproponiet li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Mensija bejn il-posta u triq l-Istefanotis. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm 7 favur u 1 kontra. Kien hemm qbil ukoll li tiġi rranġata s-*central strip* fi Triq il-Qasab kantuniera ma' Triq il-Mensija u tiġi rranġata l-bankina fi Triq l-Ambaxxati.

4.4 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li jkun responsabbli mill-anzjani konġunt mal-Kunsillier responsabbli preżenti. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm 5 favur, 1 kontra u 2 astensjoni. Il-Kunsilliera Marica Bayliss spjegat li hi kienet kontra minħabba li allegat li s-Sur Mifsud Bonnici għandu preġudizzju kontra waħda mill-*helpers* tad-*daycentre*.

4.5 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq iż-Żebbug u s-*softarea* fi Triq Freżja.

4.6 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex isir tikħil u tibjid fejn ser isir il-*mural* il-ġdid, kif ukoll tiċċaqlaq siġra li tinsab fl-istess post. Minflok għandhom jitħawwlu pjanti aktar baxxi.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**